II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/56

tad-19 ta' Lulju 2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (Pagellus bogaraveo) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Awwissu 2019 daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1241 (ir-"Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi") dwar il-miżuri ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi. L-Annessi VI u VII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxu miżuri tekniċi reġjonali speċifiċi għall-Ilmijiet tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Lbiċ tal-ilmijiet tal-Unjoni.

(2) Il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands (l-"Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral") għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fl-Ilmijiet tal-Majjistral; Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall (l-"Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ") għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fl-Ilmijiet tal-Lbiċ. Fil-5 ta' Marzu 2021, iż-żewġ gruppi reġjonali ssottomettew żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti li jipproponu miżuri biex jittejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ivvaluta b'parir għal ebda qbid fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES għall-perjodu 2021-2022 [2]. F'Marzu 2022, l-Istati Membri ssottomettew verżjonijiet aġġornati ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fejn issuġġerew li tingħata estensjoni tad-data tat-tmiem proposta għal ċerti miżuri.

(3) Il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ ġew ikkonsultati dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti f'Marzu 2021 u fi Frar 2021, rispettivament.

[1] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.
[2] https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/2020/sbr.27.6-8.pdf

(4) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta r-rakkomandazzjonijiet konġunti u l-evidenza pprovduta mill-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral u mill-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ fil-Plenarja ta' Mejju 2021 ([3]). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti jipproponu estensjoni tat-tip ta' miżuri tekniċi li qabel ittieħdu minn Franza u minn Spanja fil-livell nazzjonali, u li ġew ivvalutati mill-STECF fil-Plenarji ta' April 2019 ([4]) u Ġunju 2019 ([5]) biex isiru applikabbli fil-baċiri tal-baħar tal-Ilmijiet tal-Majjistral u tal-Ilmijiet tal-Lbiċ.

(5) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura (EGFA) ġie kkonsultat dwar ir-rakkomandazzjonijiet konġunti permezz ta' proċedura bil-miktub f'Mejju 2022.

(6) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral tipproponi għeluq spazjotemporali għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża fis-sajd għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES. L-STECF ([6]) ikkonkluda li l-miżura ta' ġestjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas il-qabdiet tal-paġella ħamra u li l-għeluq spazjotemporali għas-sajd kummerċjali jaħbat mal-perjodu ta' riproduzzjoni għal din l-ispeċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura proposta tiġi inkluża fir-Regolament (UE) 2019/1241.

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ tipproponi għeluq spazjotemporali staġjonali għas-sajd kummerċjali u għeluq matul is-sena kollha għas-sajd rikreattiv f'diversi żoni. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi wkoll għeluq staġjonali addizzjonali għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża fis-sajd għall-paġella ħamra fis-subżona 8 tal-ICES. L-STECF ([7]) ikkonkluda li l-għeluq għas-sajd kummerċjali jinsab fiż-żona fejn aktarx issir ir-riproduzzjoni u li l-għeluq għas-sajd rikreattiv jidher li jinsab f'żoni fejn jinġabru l-frieħ tal-paġella ħamra. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri proposti jiġu inklużi fir-Regolament Delegat (UE) 2019/1241.

(8) Barra minn hekk, iż-żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti jipproponu l-istabbiliment ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) ta' 36 cm u ta' 40 cm għall-qabdiet tal-paġella ħamra fis-sajd kummerċjali u rikreattiv, rispettivament. Fl-Ilmijiet tal-Majjistral, dan ir-Regolament jipproponi li l-Anness VI jiġi emendat biex id-Daqsijiet Minimi ta' Referenza għall-Konservazzjoni (MCRS) jiżdiedu għal 36 cm għas-sajd kummerċjali u għal 40 cm għas-sajd rikreattiv. Fl-Ilmijiet tal-Lbiċ, dan ir-Regolament jipproponi li l-Anness VII jiġi emendat biex jinkludi l-MCRS ta' 36 cm għas-sajd kummerċjali. L-MCRS ta' 40 cm għas-sajd rikreattiv diġà huwa obbligu legali f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2013 ([8]).

(9) L-STECF ([9]) ikkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta fiha elementi pożittivi li se jtejbu l-ġestjoni tal-istokkijiet, iżda minħabba nuqqas ta' *data* ta' sostenn, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat bis-sħiħ l-impatt ta' dawn il-miżuri fuq l-istokkijiet rispettivi. L-Istati Membri se jirrieżaminaw dawn il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2023 fid-dawl tal-istudji xjentifiċi li għaddejjin bħalissa u sakemm jinħareġ il-parir il-ġdid dwar il-paġella ħamra mill-ICES fl-2023. Minħabba li kemm is-sajd kummerċjali kif ukoll dak rikreattiv jikkontribwixxu għall-mortalità kumplessiva mis-sajd ta' stokk li d-*data* dwaru hija skarsa u li fir-rigward tiegħu hemm parir għal ebda qbid, jenħtieġ li l-MCRS propost jiġi inkluż fl-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241, minbarra għas-sajd rikreattiv fl-Anness VII, li diġà huwa obbligu legali.

(10) B'mod ġenerali, għalkemm l-STECF ([10]) ma jistax jivvaluta jekk il-qabdiet tal-paġella ħamra humiex se jitnaqqsu, dawn il-miżuri ta' ġestjoni jirrappreżentaw titjib meta mqabbla ma' dawk ippreżentati fl-2019 u għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-qabdiet tal-paġella ħamra meta mqabbla mal-miżuri ta' referenza previsti fir-Regolament (UE) 2019/1241. Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jiġu emendati biex jinkludu dawn il-miżuri.

([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([4]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2485362/STECF+PLEN+19-01.pdf
([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2620849/STECF+PLEN+19-03.pdf
([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([7]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2013 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 3).
([9]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([10]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf

(11) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(12) Il-miżuri f'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([11]), u jikkunsidraw il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([11]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

ANNESS

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VI, il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) Id-dsatax-il entrata tat-tabella hija sostitwita kif ġej:

"Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)	36 cm [1] [2] [3]

[1] Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023.
[2] Fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-qabdiet tal-paġella ħamra fis-sajd rikreattiv.
[3] F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2023, mill-1 ta' Jannar 2024, l-MCRS applikabbli għandu jkun ta' 33 cm."

(b) It-test fil-punt 1 taħt it-tabella huwa sostitwit kif ġej:

"1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati f'din il-Parti għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), għall-pollakkju iswed (*Pollachius virens*), għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), għall-megrim (*Lepidorhombus* spp.), għal-lingwata (*Solea* spp.), għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), għal-lipp (*Molva molva*), għal-linarda (*Molva dypterygia*), għall-kavall (*Scomber* spp.), għall-aringa (*Clupea harengus*), għas-sawrell (*Trachurus* spp.), għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) u għas-sardina (*Sardina pilchardus*) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv fl-Ilmijiet tal-Majjistral, għajr għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), li għaliha għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) ta' 40 cm fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2023[1].

[1] F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2023, mill-1 ta' Jannar 2024, l-MCRS applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun ta' 33 cm."

(2) Fl-Anness VI, jiżdied il-punt li ġej mal-Parti C:

"11. Żoni magħluqa għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES

11.1 Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2023, is-sajd kollu għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża. "

(3) Fl-Anness VII, il-Parti A, l-għoxrin entrata tat-tabella hija sostitwita kif ġej:

"Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)	36 cm [1] [2]

[1] Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023.
[2] F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2023, mill-1 ta' Jannar 2024, l-MCRS applikabbli għandu jkun ta' 33 cm."

(4) Fl-Anness VII, jiżdied il-punt li ġej mal-Parti C:

"5. Żoni magħluqa għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra fis-subżona 8 tal-ICES

5.1. Mill-1 ta' Frar sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit is-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ (LLS) u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB) fiż-żona tal-Punent tal-Baħar tal-Kantabrija, jiġifieri dik opposta għal Asturias u għal Galicia, fiż-żoni ġeografiċi magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

— 43°47'00" N, 005°15'00" W

— 43°47'00" N, 005°12'00" W

— 43°43'00" N, 005°12'00" W

— 43°43'00" N, 005°15'00" W

— 43°55'00" N, 006°46'00" W

— 43°55'00" N, 006°37'00" W

— 43°53'00" N, 006°46'00" W

— 43°53'00" N, 006°37'00" W

— 44°00’49” N, 007°01’12” W

— 44°00’49” N, 006°57’26” W

— 43°58’32” N, 006°57’26” W

— 43°58’32” N, 007°01’12” W

— 44°02’48” N, 007°13’49” W

— 44°00’15” N, 007°10’03” W

— 44°00’15” N, 007°10’03” W

— 44°00’15” N, 007°13’49” W.

— 44°10’00” N, 008°18’00” W

— 44°10’00” N, 008°14’00” W

— 44°07’00” N, 008°14’00” W

— 44°07’00” N, 008°18’00” W

— 43°34’00” N, 004°44’00” W

— 43°34’00” N, 004°39’00” W

— 43°32’00” N, 004°39’00” W

— 43°32’00” N, 004°44’00” W

— 44°07’00” N, 007°50’00” W

— 44°07’00” N, 007°45’00” W

— 44°05’00” N, 007°45’00” W

— 44°05’00” N, 007°50’00” W

5.2. Mill-1 ta’ Jannar sal-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena, is-sajd għall-paġella ħamra fis-subżona 8 tal-ICES għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża.

5.3. Għas-sajd rikreattiv, is-sajd għall-paġella ħamra għandu jkun ipprojbit fiż-żoni ġeografiċi magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

Żona RF 1 (Cariño/Celeiro)

— 43°46’23” N, 007°52’04” W

— 43°48’30” N, 007°52’04” W

— 43°49’26” N, 007°41’17” W

— 43°45’44” N, 007°33’21” W

— 43°43’49” N, 007°33’21” W

Żona RF 2 (Ribadeo)

— 43°33’26” N, 007°02’58” W

— 43°35’27” N, 007°02’58” W

— 43°35’29” N, 007°01’20” W

— 43°33’33” N, 007°01’20” W

Żona RF 3 (Navia):

— 43°33’51” N, 006°44’02” W

— 43°35’52” N, 006°44’02” W

— 43°35’52” N, 006°42’32” W

— 43°33’52” N, 006°42’32” W

Żona RF 4 (Ensenada Canero)

— 43°33’10” N, 006°28’55” W

— 43°34’53” N, 006°30’17” W

— 43°36’14” N, 006°28’13” W

— 43°34’18” N, 006°28’13” W

Żona RF 5 (Ensenada de Cabrera/Ría San Martín de la Arena)

— 43°26’18” N, 004°04’51” W

— 43°28’22” N, 004°04’51” W

— 43°28’55” N, 004°01’17” W

— 43°26’56” N, 004°01’17” W

Żona RF 6 (Ría de Treto)

— 43°27’49” N, 003°25’58” W

— 43°28’59” N, 003°23’36” W

— 43°26’16” N, 003°22’27” W

— 43°25’09” N, 003°24’41” W

Żona RF 7 (Bilbao/Plentzia)

— 43°21’18” N, 003°07’47” W

— 43°23’18” N, 003°07’47” W

— 43°28’13” N, 002°56’42” W

— 43°26’08” N, 002°56’42” W

Żona RF 8 (Bermeo/Mundaka)

— 43°25’36” N, 002°43’23” W

— 43°27’35” N, 002°43’23” W

— 43°26’57” N, 002°38’45” W

— 43°24’57” N, 002°38’45” W

5.4. Il-miżuri elenkati fil-punti 5.1 sa 5.3 għandhom japplikaw sal-31 ta’ Diċembru 2023.”